# L-għasafar reġgħu jinsabu on #onthemove!

## Kampanja ġdida bil-għan li tispira lin-nies igawdu, jieħdu ħsieb u jħarsu l-għasafar matul il-passa tar-rebbiegħa

Wara s-suċċess tal-kampanja dwar il-passa tal-ħarifa s-sena l-oħra, BirdLife Malta reġgħet nidiet il-kampanja #onthemove biex tħeġġeġ lill-pubbliku **jgawdi**, **jieħu ħsieb** u **jħares** l-għasafar li jpassu minn fuq Malta. Din id-darba, b'din it-tieni kampanja, BirdLife Malta se tiċċelebra l-passa tal-għasafar fir-rebbiegħa meta l-għasafar ikunu qed ipassu 'l fuq mill-postijiet fejn ikunu qattgħu x-xitwa fl-Afrika lejn dawk fejn ikunu se jbejtu fl-Ewropa.

Il-passa tar-rebbiegħa hija importanti ħafna għax matul dan l-istaġun, il-Gżejjer Maltin iservu bħala post ta' mistrieħ għal ħafna speċi Ewropej fi triqithom lejn l-Ewropa biex ibejtu. Kuntrarju għall-passa tal-ħarifa, dik tar-rebbiegħa ħafna drabi tkun mgħaġġla aktar, bl-għasafar ikunu f'tellieqa biex jilħqu l-aħjar postijiet fl-Ewropa fl-aktar żmien propizju.

Matul il-kampanja #onthemove tar-rebbiegħa, se nkunu qegħdin għal darba oħra naqsmu mal-pubbliku tagħrif dwar il-passa tal-għasafar, bil-għan li nħeġġu aktar nies igawdu, jieħdu ħsieb u jinvolvu ruħhom fil-ħarsien tal-għasafar li jpassu minn fuq Malta.

Bejn il-15 ta' Marzu u l-15 ta' Mejju, permezz ta' din il-kampanja se nkunu qed naqsmu mal-pubbliku dettalji affaxxinanti dwar il-passa, u anke nintroduċu wħud mill-viżitaturi speċjali li wieħed jista' josserva tul il-passa tar-rebbiegħa. Se noħorġu wkoll tagħrif dwar fejn huma l-aħjar postijiet għall-osservazzjoni tal-għasafar, waqt li se jiġu organizzati attivitajiet biex il-pubbliku jinvolvi ruħu. Il-kampanja #onthemove se tkun qed tiżvolġi fuq il-midja soċjali fost mezzi oħra tal-komunikazzjoni, bl-iskop li naqsmu informazzjoni dwar kif kulħadd jista' jgawdi l-passa tal-għasafar f'Malta.

Element prinċipali tal-kampanja hu li tipprovdi l-opportunità lil residenti f'Malta li jixtiequ jingħaqdu magħna bħala voluntieri biex jassistu lil BirdLife Malta fil-ħidma ta' sorveljanza biex ikun żgurat li l-għasafar tal-passa jgħaddu minn fuq il-Gżejjer Maltin mingħajr periklu fi triqithom biex ibejtu. Dawk interessati qed jiġu mistiedna jingħaqdu mal-kamp annwali tagħna Spring Watch li bħas-soltu se jissorvelja l-illegalitajiet fin-natura b'rondi fil-kampanja matul il-passa tal-għasafar f'April, speċjalment tul il-perjodu tal-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Kulħadd għandu d-dritt li jgawdi s-sbuħija tan-natura u m'hemm xejn isbaħ mill-ispettaklu li tipprovdi l-passa tal-għasafar. Sempliċiment il-fatt li ħafna għasafar se jkunu qed jivvjaġġaw tul l-Afrika, inkluż fuq meded ta' deżert u anke fuq baħar miftuħ fil-Mediterran, sabiex finalment jaslu fil-ħabitati fejn ibejtu, għandu jqanqal ir-rispett tagħna u anke, nittamaw, impenn biex inħarsuhom minn kull deni. L-għasafar huma indikaturi tal-istat ġenerali tal-ambjent, u allura anke tal-benesseri tal-bniedem. Permezz tal-istudju tal-għasafar, nistgħu nantiċipaw u nenfasizzaw kwistjonijiet li fil-futur jistgħu jbiddlu l-mod kif ngħixu. Dik hija raġuni oħra għalfejn għandna nipproteġuhom."

Il-Communications Manager ta' BirdLife Malta Nathaniel Attard kompla: "Element kruċjali ta' din il-kampanja se tkun is-sejħa lin-nies biex jieħdu azzjoni. Qed nitolbu lill-pubbliku biex jagħmel tiegħu l-kontenut li se nippubblikaw fil-midja soċjali tagħna, imma wkoll biex iressaq l-ilmenti tiegħu kontra l-qtil illegali tal-għasafar quddiem il-politiċi waqt li jappoġġja l-ħidma ta' konservazzjoni li aħna nwettqu kontra l-kaċċa illegali permezz ta' donazzjonijiet u billi jissieħeb magħna bħala membru. Naturalment se nkunu qed nitolbu lin-nies biex jirrappurtaw lilna u lill-pulizija kull illegalità li jistgħu jiltaqgħu magħha matul il-ġimgħat li ġejjin".

"Kulħadd jista' jagħmel xi ħaġa biex iħares l-għasafar. Dan hu importanti speċjalment tul ir-rebbiegħa meta l-għasafar ikunu fl-aktar stadju vulnerabbli tul il-passa twila tagħhom. Il-kampanja tagħna #onthemove hija opportunità biex ingawdu u nitgħallmu aktar dwar l-għasafar spettakolari li qed iżuru l-Gżejjer Maltin kif ukoll tgħin biex kulħadd jagħmel il-parti tiegħu ħalli niżguraw li dawn ikomplu bil-vjaġġ tagħhom lejn l-Ewropa mingħajr xkiel," spjegat Sarah Brady, Head of Education and Public Engagement ta' BirdLife Malta.

Is-sena l-oħra kienet sena rekord għall-kaċċa illegali f'Malta u Għawdex, b'BirdLife Malta u l-pulizija jiġbru 210 għasfur li spiċċaw feruti jew maqtula tul l-2020 – l-agħar rekord f'dawn l-aħħar snin. Kienet ukoll sena li se tibqa' mfakkra għall-azzjoni meħuda mill-UE kontra Malta fuq id-derogi kollha tal-kaċċa u l-

insib li jinsabu fis-seħħ f'pajjiżna. "Żmien ir-rebbiegħa jibqa' perjodu li joffri sfida għall-għasafar tal-Ewropa hekk kif ikunu qed jaqsmu minn fuq il-gżejjer tagħna proprju waqt il-ftuħ ta' staġun tal-kaċċa. Hu għalhekk li l-UE se tkun qed teżamina bir-reqqa kull pass li se jittieħed biex jinfetaħ l-istaġun ta' din is-sena speċjalment jekk dan jirriżulta fil-qtil ta' għasafar vulnerabbli bħall-Gamiema u speċi oħra protetti," ikkonkluda l-Head of Conservation ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara.

Inħeġġu lil kulħadd biex isegwi l-kampanja #onthemove fuq is-sit elettroniku ta' BirdLife Malta u l-mezzi tal-midja soċjali sabiex igawdi bl-aħjar mod l-ispettaklu naturali tal-passa u jgħinna niżguraw li nagħmlu minn Malta post li jipprovdi kenn lill-għasafar kollha li jinħtieġu l-protezzjoni tagħna waqt il-vjaġġi perikolużi tagħhom.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmużin:**

- Logo tal-kampanja #onthemove

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

- Il-webpage tal-kampanja #onthemove
- Opportunitajiet biex tgħin b'mod volontarju tul il-kampanja
- Il-kaċċa fir-rebbiegħa f'Malta
- Sir membru ta' BirdLife Malta
- Agħti donazzjoni lil BirdLife Malta

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-Sp76h49xP3**

1. Spanjulett (Common Kestrel). *Ritratt ta' Aron Tanti*
2. Ġojjin (Common Linnet) fil-Buskett. *Ritratt ta' Aron Tanti*
3. Summiena (Common Quail). *Ritratt ta' SEO BirdLife Spain*
4. Qerd in-Naħal (European Bee-eater). *Ritratt ta' Aron Tanti*
5. Gamiema (European Turtle-dove) fil-Buskett. *Ritratt ta' Aron Tanti*
6. Russett Griż (Grey Heron) fir-Riserva Naturali tas-Salina. *Ritratt ta' Mario V Gauci*
7. Kuċċarda (Honey-buzzard) waqt il-passa. *Ritratt ta' Aron Tanti*

8. Daqquqa tat-Toppu (Hoopoe) fir-Riserva Naturali tal-Għadira. *Ritratt ta' Denis Cachia*
9. Bagħdan Aħmar (Marsh Harrier). *Ritratt ta' Aron Tanti*
10. Kokka (Scops Owl) fil-Buskett. *Ritratt ta' Aron Tanti*
11. Buċaqq tas-Silla (Whinchat) fil-Park tal-Majjistral. *Ritratt ta' Aron Tanti*

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-EUlyUeY4vm**

- Il-passa tar-rebbiegħa fil-Gżejjer Maltin. *(Filmati u muntaġġ ta' BirdLife Malta)*

#onthemove
enjoy care protect